MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2014

Numru 888/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs.**

**Darryl Camilleri**
**Dylan German**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Darryl Camilleri** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Carmelo u Maria Dolores xebba Mercieca, mwieled Pietà nhar it-22 ta Lulju 1991 u residenti gewwa 50, Doreen, Triq it-Tankijiet, Birzebbugia, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 371891(M)

u

**Dylan German**, ta' ghoxrin (20) sena, bin Charles u Simone xebba Fenech, mwieled Pietà nhar id-19 ta' Marzu 1994 u residenti gewwa l-fond numru 73, Triq Lunzjata, Santa Venera u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 143494(M)

akkuzati talli:

1. f'xi hin bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2014 gewwa dawn il-Gzejjer ikkommettew serq ta' flus kontanti kif ukoll ta' oggetti elettronici li kienu jammontaw ghal madwar tnax il-elf u mitt Euro (€12,100) minn gewwa ufficini tal-kumpanija 'Mr. Whippy' li jinsabu gewwa Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Zejtun ghad-detriment ta' Joseph Carabott u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur (li jiskorri €2329.37), bil-hin u bil-persuna, bi ksur tal-Artikoli 42(d), 268(a), 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu li huma hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fedina penali taghhom (Dok. "SB 8" u Dok. "SB 9"), il-ko-operazzjoni taghhom mal-

Pulizija, il-fatt li l-ammont kollu li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati gie ritornat lura lid-derubat u kif ukoll il-qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati. Il-Qorti hija tal-fehma li, minn dak li jirrizulta lilha, li ghandha taderixxi mal-qbil raggunt mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati bil-ghan li z-zewg imputati jpoggu l-hajja taghhom fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 261(d), 261(f), 267, 268(a) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati Darryl Camilleri u Dylan German hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputati Darryl Camilleri u Dylan German taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputati Darryl Camilleri u Dylan German bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistghaw jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom nstabu hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputati Darryl Camilleri u Dylan German.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u

kopja ta′ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------